# KULLEĠĠ SAN BENEDITTU
## Skola Sekondarja - Ħal-Kirkop

**Marka**

**EŻAMI TA' NOFS IS-SENA**
**2014-2015**

**Livelli 5-8**

---

**KLASSI 3** | **STUDJI SOĊJALI (ĠENERALI)** | **ĦIN: Siegħa u nofs**

---

| Taqsima | A | B | Ċ | D | E | A | Marka Totali |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marka tat-Taqsima | 10 | 10 | 10 | 25 | 25 | 20 | 100 |
| **Marka** | | | | | | | |

DO NOT WRITE ABOVE THIS LINE

**Isem:** ___________________________________ **Klassi:** _________

**Taqsima A: Imla' l-vojt bil-kliem li ġejjin. Kull waħda fiha marka.**

| | | |
|---|---|---|
| Komunita' | Għaqda | Dmir |
| Devjanti | Valuri | Soċjeta' |
| Soċjalizzazzjoni | Ċittadini | Identita' |
| Globali | | |

1. ______________________ hi grupp ta' nies jgħixu flimkien li jkollhom xi ħaġa komuni bejniethom.
2. Bħala ______________________ għandu jkollna l-protezzjoni tal-gvern.
3. Biex ikollna l-______________________ fis-soċjeta' kulħadd irid jimxi man-normi u r-regoli.
4. ______________________ hu l-proċess li bih nitgħallmu n-normi u l-valuri tas-soċjeta' li ngħixu fiha.
5. Persuna li tmur kontra n-normi tas-soċjeta' insejħulha ______________________.

6. Dak li hu mistenni minni mis-soċjeta' nsejħulu ____________________.

7. L-____________________ hi dik li tagħmilni jien min jien.

8. Il-____________________ huma l-prinċipji ta' x'inhu tajjeb fis-soċjeta' fejn ngħixu.

9. Fil-____________________ nsibu nies bi bżonnijiet differenti fosthom tfal, adulti, anzjani u nies bi bżonnijiet speċjali.

10. Bħala ċittadin ____________________ nifhem li jien ċittadin tad-dinja kollha.

**(10 marki)**

---

**Taqsima B: Aqta' sinjal taħt ir-risposta t-tajba. Kull mistoqsija fiha marka.**

1. L-irwol tiegħi iġib miegħu
   a) drittijiet u dmirijiet.
   b) normi u valuri.
   ċ) ferħ u dwejjaq.

2. In-normi huma
   a) regoli mhux miktuba li jgħinuna nġibu ruħna tajjeb.
   b) regoli miktuba li jgħinuna nġibu ruħna tajjeb.
   ċ) regoli li aħjar tiksirhom.

3. Li nibża' għall-ambjent Malti hu parti
   a) mill-valuri ċiviċi tiegħi.
   b) mill-Istudji Soċjali.
   ċ) mil-liġi tal-familja.

4. Il-Pulizijia, gwardjani u uffiċjali oħra huma aġenti
   a) tal-kontroll formali.
   b) tal-kontroll informali.
   c) tan-normi.

5. L-Identita’ personali tiegħi tkun magħmula
   a) minn kif nidher u l-karattru tiegħi.
   b) minn kemm inġib marki fil-klassi.
   ċ) mid-dehra tiegħi biss.

6. L-istil ta’ ħajja ta’ grupp ta’ nies tissejjaħ
   a) stilista.
   b) kultura.
   c) moda.

7. Meta l-ġenituri tiegħi ma jħallunix noħroġ għax domt il-ġimgħa ta’ qabel ikunu tawni:
   a) sanzjoni pożittiva.
   b) sanzjoni negattiva.
   ċ) sanzjoni newtrali.

8. L-elezzjoni tal-Kunsill lokali ssir kull
   a) 3 snin.
   b) 4 snin.
   ċ) 5 snin.

9. Tolleranza tfisser
   a) li nagħmlu li ngħid jien.
   b) li naċċetta li ħaddieħor jista’ jkollu opinjoni differenti minni.
   ċ) li naċetta l-opinjoni ta’ dawk li jaqblu miegħi biss.

10. Li tkun ċittadin ifisser
   a) li naħdem ġol-pajjiż fejn ngħix.
   b) li nkun membru ta’ pajjiż bid-drittijiet u d-dmirijiet.
   ċ) li nkun membru ta’ għaqda filantropika.

**(10 marki)**

**Taqsima Ċ: Immarka hekk hux veru jew falz u għid għaliex. Kull mistoqsija fiha 2 marki.**

1. Il-Kontroll soċjali hu l-mekkaniżmu li jikkontrolla l-imġiba tagħna. **VERU/FALZ**

   Għaliex?

   ______________________________________________________________

   ______________________________________________________________

2. Li nkun ċittadin attiv hu li nieħu sehem fl-attivitajiet tas-soċjeta' li ngħix fiha.

   **VERU/FALZ**

   Għaliex?

   ______________________________________________________________

   ______________________________________________________________

3. Meta bniedem jikser il-liġi jieħu sanzjoni pożittiva. **VERU/FALZ**

   Għaliex?

   ______________________________________________________________

   ______________________________________________________________

4. Li nivvota huwa dritt imma li mmur nivvota mhux dmir. **VERU/FALZ**

   Għaliex?______________________________________________________

   ______________________________________________________________

5. Il-lingwa tagħna mhix parti mil-kultura tagħna. **VERU/FALZ**

   Għaliex? _____________________________________________________

   ______________________________________________________________

**(10 marki)**

**Taqsima D: Wieġeb il-mistoqsijiet. Kull mistoqsija fiha 5 marki.**

1. Semmi 5 affarijiet li tista' tagħmel biex turi li int ĊITTADIN ATTIV f'pajjiżek.

- ______________________
- ______________________
- ______________________
- ______________________
- ______________________

2. L-identita' tinqasam f'sitt partijiet. Kompli l-ħamsa l-oħra.

- Identita' Personali
- ______________________
- ______________________
- ______________________
- ______________________
- ______________________

3. Semmi 5 istituzzjonijiet li jkun hemm jaħdmu fi ħdan il-komunita'.

- ______________________
- ______________________
- ______________________
- ______________________
- ______________________

4. Spjega d-differenza bejn ix-xogħol tal-Kunsilli lokali u x-xogħol tal-Gvern.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

5. Spjega d-differenza bejn KRIMINALITA' u DEVJAZZJONI.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**(25 marka)**

**Taqsima E: Aqra sew din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet.**

Malala Yousafzai hi tfajla ta' 17-il sena li twieldet u għexet il-Pakistan. Il-Pakistan hu pajjiż kbir u r-reġjun fit-Tramuntana fejn tgħix Malala, insibu lil grupp Taliban li jikkontrolla dan ir-reġjun. It-Talibani mhumiex il-gvern tal-pajjiz izda huma estremisti Iżlamiċi li jokkupaw ċerti reġjuni fil-Pakistan, Afghanistan u anke l-Lvant Nofsani. Fir-reġjun fejn tgħix Malala, it-Taliban kemm-il darba ma ħalliex lill-bniet milli jattendu l-iskola għax lin-nisa ma jistmawhomx daqs l-irġiel. Meta Malala għamlet blog fuq l-internet għall-istazzjon BBC tal-Ingilterra fejn kitbet minn xiex kien jgħaddu t-tfajliet taħt it-Talibani, dawn sparawlha f'rasha. Malala baqgħet ħajja! Din is-sena Malala ingħatat il-Premju Nobel għall-Paċi. Minkejja t-theddid kostanti fuq ħajjitha, Malala xorta baqgħet attivista' favur in-nisa biex ikunu stmati daqs l-irġiel speċjalment fejn jidħlu d-drittijiet tat-tfal bniet biex ikunu jistgħu imorru l-iskola.

1. Agħti titlu lil din is-silta. ______________________________ [2]

2. Għalfejn sparawlha lil Malala? ______________________________ [2]

3. Malala użat l-internet bħala għodda biex wasslet il-messaġġ tagħha. Semmi 2 modi kif nistgħu nużaw l-internet tajjeb.

   i) ______________________________ [2]

   ii) ______________________________ [2]

4. Għalfejn taħseb li Malala ingħatat il-Premju Nobel għall-Paċi?

   ______________________________ [2]

5. Min taħseb li huma l-aġenti tal-Kontroll Soċjali f'din is-silta? ______________ [2]

6. Taħseb li huma aġenti formali jew informali? __________________________ [2]

7. X'taħseb li jista' jiġri meta jkun hemm ħafna kontroll soċjali ġo soċjeta'?

_______________________________________________________________

______________________________________________________________ [3]

8. F'Malta il-gvern joffri servizz edukattiv minn 3 snin u ta' 5 snin l-iskola trid tmur bilfors. Semmi l-iskejjel li nattendu aħna mil-Kindergarten sal-Universita'.

   a) Kindergarten
   b) Skola _________________________ [1]
   c) Skola _________________________ [1]
   d) Post-__________________________ [1]
   e) Terzjarja (l-Universita')

9. Semmi 2 drittijiet li għandhom in-nisa/bniet Maltin.

   i) ___________________________________________________________ [1]
   ii) ___________________________________________________________ [1]

10. X'kontribut tista' tagħti inti biex ikun hawn paċi f'dawn il-postijiet?

   a) Fl-iskola_______________________________________________________ [1]
   b) F'Malta ________________________________________________________ [1]
   c) Fid-Dinja_______________________________________________________ [1]

**(25 marka)**

**Taqsima F:** **Agħżel waħda minn dawn it-temi u ikteb madwar 180-200 kelma dwarha fuq karta separata.**

a) Ikteb dwar l-elementi li jiffurmaw kultura. Iddiskuti b'riferenza lejn il-Kultura u lejn l-identita' tagħna bħala Maltin.

b) Il-Kontroll soċjali jgħin lill-bniedem biex iġib ruħu tajjeb fis-soċjeta'. Semmi t-tipi ta' kontroll soċjali, l-aġenti tagħhom, sanzjonijiet u agħti eżempji mis-soċjeta' u minn dak li qed jiġri madwarna.

ċ) Ir-rwol ta' ċittadin iġib miegħu kemm drittijiet u kemm dmirjiet. Iddiskuti b'riferenza għar-rwol tiegħek bħala ċittadin fil-komunita' lokali, nazzjonali, Ewropja u Globali.

**(20 marka)**